MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 515/2011

**Margaret Gloria Ruane sive Gloria Ruane**
**Pass. No. P51251592**

**vs**

**Michel Spiteri**
**ID 27270 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut Michel Spiteri ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut originarjament mill-konvenut lill-awtur tal-attrici David Spiteri u li issa huwa dovut lilha fil-kwalita' taghha ta' eredi testamentarja ta' l-istess David Spiteri.

Illi l-konvenut minkejja bosta interpellazzjonijiet baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprova li hija effettivament l-eredi ta' David Spiteri kif ukoll l-interess guridiku taghha f'dawn il-proceduri. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mill-attrici mhux dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2012, fejn il-konvenut iddikjara illi f'dak l-istadju ma kienx qed jinsisti ulterjorment fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu.

Ra s-sentenza li nghatat minn dan it-Tribunal dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni datata 19 ta' Ottubru, 2012.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici xehdet u ddikjarat illi hi kellha relazzjoni ma' David Spiteri, liema relazzjoni bdiet fl-1996, u baqghet ghaddejja sakemm l-istess David Spiteri gie nieqes fis-7 ta' Frar, 2007. Illi huma kienu jghixu flimkien, u f'okkazjoni fost l-ohrajn u aktar precizament fil-25 ta' Novembru, 2006, semghet lil David jiddiskuti mal-konvenut dwar self ta' flus li kien sar minn David lill-konvenut, u li kien fadal bilanc ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06). Illi dwar dan il-bilanc giet imhejjija skrittura mill-konvenut, li tinsab esebita a fol. 26 tal-atti, li nghatat lil David Spiteri bhala dikjarazzjoni ta' dak li kien ghadu dovut mill-istess konvenut, u David Spiteri ta din il-karta lill-attrici sabiex terfaghhilu. Illi hi effettivament warrbitha fis-safe li kellhom fl-appartament. Illi eventwalment, u wara li gie nieqes David Spiteri, l-attrici sabet dan id-dokument fost id-dokumenti l-ohra, u avvicinat lill-konvenut dwar il-hlas ta' dan il-bilanc. Illi dan sar mill-attrici fid-dawl tal-fatt illi hi kienet l-eredi tad-defunt David Spiteri, u dan in forza ta' testment li kien sar gewwa l-Irlanda fil-25 ta' Novembru, 2003. Illi ghajr ghal dan it-testment, David Spiteri ma kien ghamel ebda testment iehor, u dan kif jirrizulta mir-ricerki li gew imwettqa. Illi ghalhekk l-attrici talbet lill-konvenut ihallas dan l-ammont,

izda hi rceviet ittra minghand l-Avukat tal-konvenut li permezz taghha giet informata illi ebda ammont ma kien dovut minnu. Illi l-attrici ddikjarat li ma tafx jekk qatt kienx hemm okkazjonijiet precedenti fejn David Spiteri sellef xi flus lill-konvenut, u *vice versa*, u ddikjarat li fl-okazzjoni tal-25 ta' Novembru, 2006 kienet l-ewwel darba li David talabha tikkuntattja lill-konvenut sabiex imur ghandhom biex irodd lura l-flus li kien sellfu.

Illi da parti tieghu, il-konvenut jiddikjara illi din ma kienitx l-ewwel okkazjoni li hu u huh David Spiteri, kienu sellfu l-flus lil xulxin, u fl-ebda okkazjoni precedenti ma kienu hejjew karti bejniethom jew taw ricevuti lil xulxin. Illi l-konvenut iddikjara illi huwa minnu li huh kien sellfu elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), u spjega illi d-dikjrazzjoni li tinsab a fol. 26 tal-atti kien hejjija hu stess, u halliha – flimkien ma' cheque ghall-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) – fil-*letterbox* tal-appartament ta' fejn kien jghix il-konvenut; hu spjega illi din id-dikjarazzjoni bil-miktub kienet saret minnu minhabba argument li kien inqala' bejn il-konvenut u l-istess huh, u dan wara li huh, David Spiteri, qal xi diskors zejjed quddiem habib taghhom dwar is-self ta' flus in kwistjoni. Illi meta David Spiteri sab ic-cheque imsemmi, hu cempel jirringrazzja lill-konvenut, u qallu li ma kienx hemm ghalfejn jithallas il-bilanc ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), izda l-konvenut ma accettax. Illi fil-fatt dan il-bilanc thallas mill-konvenut lil David fi flus kontanti, u dan wara illi l-konvenut ottjena hlas minghand Albert Muscat fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) in konnessjoni mal-bejgh ta' xi ishma li l-konvenut kellu f'kumpanija ta' negozju li kellhom bi shab flimkien. Illi minkejja li l-konvenut wettaq il-hlas lil David tal-ammont kollu li kien ghadu pendenti, u cioe' elf u hames mitt lira Maltin (Lm 1,500), hu ma talabx lil huh ghal ricevuta, ghaliex huma qatt ma kienu jaghtu ebda karti lil xulxin in konnessjoni ma' self li kien isir bejniethom. Qal ukoll illi meta wettaq dan il-hlas lil David Spiteri, ma kien hemm hadd aktar prezenti. Illi l-konvenut baqa' jsostni illi huh David kien qallu li ma kienx hemm ghalfejn jirrifondi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), izda minkejja f'dan, xorta radd dawn il-flus lura lil huh, u dan fi flus kontanti.

Illi xehed ukoll Albert Muscat li kkonferma li hu ta lill-konvenut elf lira Maltin (Lm1,000), liema flus ix-xhud kien jaf li kienu ntizi sabiex il-konvenut irodd lura lil huh flus li kien issellef minghandu; madanakollu, hu ma rahx jghaddilu dawn il-flus, li x-xhud kien ghaddihom lill-konvenut fi flus kontanti. Illi minkejja f'dan, iddikjara wkoll illi hu kien iltaqa' mad-defunt David Spiteri waqt celebrazzjoni ta' okazzjoni tal-familja, u l-istess David kien accertah illi l-konvenut kien ghaddilu l-flus li kienu dovuti lilu.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attrici – fil-kwalita' taghha ta' eredi tad-defunt David Spiteri – qed titlob refuzjoni minghand il-konvenut tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06), rapprezentanti self *brevi manu* li kien sar minn David Spiteri lill-konvenut. Illi tali self jirrizulta minn dikjarazzjoni bil-miktub, datata 25 ta' Novembru, 2006, li l-konvenut stqarr li hejja hu stess, u li permezz taghha l-konvenut iddikjara li kien qed irodd lura s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), u li kien fadal bilanc x'jithallas fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Illi l-kawza odjerna tittratta dwar dan il-bilanc tal-ahhar.

Illi l-konvenut isostni illi dan il-bilanc thallas minnu, u li ghalhekk id-debitu li hu kellu ma huh, David Spiteri, gie saldat. Illi hu ddikjara li tali hlas gie mwettaq minnu permezz ta' flus kontanti, u stqarr ukoll illi ma kien hemm ebda xhieda prezenti meta gie mwettaq dan il-hlas. Illi madanakollu, ottjena pagament ta' elf lira Maltin (Lm1,000) minghand ir-ragel ta' ohtu, Andrew Muscat, u maghhom zied hames mitt lira Maltin (Lm500), li permezz taghhom wettaq il-hlas lil David Spiteri. Illi l-imsemmi Andrew Muscat ikkonferma li sellef dawn il-flus lill-konvenut, u li l-konvenut qallu li kienu intizi sabiex jigi saldat debitu li l-konvenut kellu ma huh David Spiteri, u ghalkemm il-hlas ma sarx fil-presenza ta' Muscat, dan tal-ahhar iddikjara illi f'konversazzjoni li kellu ma' David Spiteri, dan ikkonfermalu li l-konvenut kien ghaddilu l-flus li kienu dovuti lejh.

Ikkunsidra,

Illi konfrontat bid-dikjarazzjoni li tinsab a fol. 26 tal-atti, it-Tribunal ma jistax ma jghatix lil dan id-dokument il-piz u valur probatorju li jixraqlu, ladarba l-konvenut mhux qed jikkontesta l-awtenticita' ta' dan id-dokument, anzi anke kkonferma illi hejjih hu stess. Madanakollu, ma jistax jiskarta x-xhieda tal-istess konvenut li baqa' jsostni li hu wettaq il-hlas tal-ammont indikat f'dik l-ittra, u dan anke gie kkonfermat minn Andrew Muscat, li ghalkemm ma rax lill-konvenut iwettaq dan il-hlas, madanakollu, il-konvenut kien qallu dwar dan id-debitu u skont Muscat, id-defunt David Spiteri kien ukoll iddikjara mieghu li rcieva l-hlas dovut lilu. Illi tenut kont tal-parentela li hemm bejn il-konvenut u d-defunt David Spiteri, mhux sorprendenti illi ma kienux jghamlu skritturi meta kienu jghaddu xi flus

bejniethom b'self u lanqas ma kienu jaghtu ricevuti lil xulxin meta kien jigi mwettaq xi hlas bejniethom; madanakollu, lanqas dan it-Tribunal ma jista' jiskarta l-fatt illi ghandu quddiemu dikjarazzjoni tal-konvenut li permezz taghha qed jirrikonoxxi li huwa debitur tad-defunt David Spiteri. Lanqas ma jista' jigi skartat il-fatt illi l-hlas ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li sar mill-konvenut kontestwalment ma' din l-iskrittura, u liema pagament saret referenza ghalih f'din l-iskrittura, sar permezz ta' cheque, filwaqt illi dwar il-bilanc, il-konvenut isostni illi dan thallas fi flus kontanti. Illi mhux talli l-konvenut ma nghata ebda forma ta' ricevuta dwar il-hlas imwettaq minnu - u dan minkejja l-fatt illi wettaq il-hlas bi flus kontanti - izda lanqas ma talab lura minghand huh id-dikjarazzjoni li kien tah, jew talbu li jiddisponi minnha. Illi ghalkemm dan seta' kien purament bi zvista, kemm da parti tal-konvenut u anke da parti tad-defunt David Spiteri, madanakollu, it-Tribunal ma jistax jiskarta illi gie pprezentat dokument li validament isostni t-talba tal-attrici.

Illi ghalkemm id-deposizzjoni li nghatat mill-konvenut tidher li hija wahda veritiera u hija attendibbli, madanakollu, daqstant iehor hija verosimili l-affermazzjoni bil-miktub tal-istess konvenut – rizultanti mill-ittra datata 25 ta' Novembru, 2006 – li huwa debitur tad-defunt David Spiteri, u konsegwentement tal-attrici fil-kapacita' taghha ta' eredi testamentarja tieghu. Illi fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni konfliggenti bejn dak rizultanti mill-iskrittura u dak dikjarat mill-konvenut, u peress illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi m'ghandux jiskarta la wahda u lanqas l-ohra, qed in bazi ta' ekwita', jasal ghal konkluzjoni illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas parti minn dan l-allegat debitu, u qed jillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' elf seba' mija sebgha u erbghin ewro u tliet centezmi (€1,747.03) bhala s-somma pagabbli mill-konvenut lill-attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa' *in parte* t-talba tal-attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf seba' mija sebgha u erbghin ewro u tliet centezmi (€1,747.03), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari, ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------